

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 – El Corte Inglés, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-603/14 P) ⁽¹⁾

Appell — Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark vebali “The English Cut” — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi li jinkludu l-elementi verbali “El Corte Inglés” — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(5) — Riskju li l-pubbliku kkonċernat jagħmel konnessjoni ma' trade mark li tibbenefika minn reputazzjoni — Grad ta' xebh meħtieġ

(2016/C 048/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: El Corte Inglés, SA (rappreżentant: J. Rivas Zurdo, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Ottubru 2014, El Corte Inglés vs UASI – English Cut (The English Cut) (T-515/12, EU:T:2014:882), hija annullata sa fejn tiddeċiedi li mill-fatt li s-sinjali f'kunflitt ma għandhomx grad ta' xebh biżżejjed sabiex iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) ta' dan l-artikolu lanqas ma kienu, għaldaqstant, sodisfatti f'dan il-każ.
- 2) Il-kumpliment tal-appell huwa miċħud.
- 3) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 30.03.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – TSI GmbH vs Hauptzollamt Aachen

(Kawża C-183/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Subintestatura 9027 10 10 — Granulometri ajrudinamiċi ultravyola — Counters ta' partiċelli li jistgħu jinġarru)

(2016/C 048/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TSI GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Aachen

Dispożittiv

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [...], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, għandha tiġi interpretata fis-sens li granulometri ajrudinamiċi ultravjola u counters ta' partiċelli li jstgħu jinġarru, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jaqgħux taħt is-subintestatura 9027 10 10 tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 254, 3.8.2015.

Appell ippreżentat fl-24 ta' April 2015 minn Fetim BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fil-11 ta' Frar 2015 fil-Kawża T-395/12 – Fetim vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-190/15)

(2016/C 048/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Fetim BV (rappreżentant: L. Bakers, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

B'digriet tad-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Appell ippreżentat fl-14 ta' April 2015 minn Sun Mark Ltd u Bulldog Energy Drink Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-5 ta' Frar 2015 fil-Kawża T-78/13 – Red Bull vs UASI

(Kawża C-206/15)

(2016/C 048/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Sun Mark Ltd u Bulldog Energy Drink Ltd (rappreżentanti: A. Meskarian, Solicitor, S. Zaiwalla, Solicitor, T. Sampson, Barrister)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

B'digriet tal-24 ta' Novembru 2015 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.
